MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 226/2012

Kawza fil-lista: 17

**R W H**
**vs**
**Y P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Lulju 1976, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Hugh Grima ppubblikat fit-2 ta' Gunju 2004;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet;

2. Tordna illi fl-att taz-zwieg tal-partijiet issir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni ta’ xoljiment taz-zwieg.

Rat ir-risposta;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet il-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------